



**Stqarrija għall-Istampa  
24.12.2015**

## **Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-UE – isem ġdid għall- ikbar aġenzija tal-proprietà intellettwali tal-UE**

**Permezz tal-leġiżlazzjoni l-ġdida tal-UE ppubblikata illum, l-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (UASI) se jsej jingħata l-isem il-ġdid ta' Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-UE (EUIPO).**

Minn 23.3.2016, 90 jum wara li l-leġiżlazzjoni ppubblikata, illum tidħol fis-seħħ, l-UASI se jsej isir magħruf bħala l-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO), filwaqt li l-marka kummerċjali Komunitarja se jra tibda tissegja trade mark tal-Unjoni Ewropea.

F'23.3.2016, is-CTMs kollha eżistenti awtomatikament se jrin isiru trade marks tal-Unjoni Ewropea u applikazzjonijiet għal trade marks tal-Unjoni Ewropea.

Ir-Regolament li jemenda jirrevedi wkoll it-tariffi li jridu jitħallsu lill-Uffiċċju, inkluż tnaqqis ġenerali fl-ammonti tagħhom, b'mod partikolari fil-każ tat-tariffi għat-tiġdid tal-marki kummerċjali. F'23.3.2016, il-formoli ta' applikazzjoni online tal-Uffiċċju u l-kalkolatur tat-tariffi se jrin jiġu aġġornati b'mod awtomatiku sabiex jirriflettu s-sistema l-ġdida.

Mill-bażi tiegħu f'Alicante, Spanja, l-UASI pproċessa iktar minn 1.3 miljun applikazzjoni għal marki kummerċjali Komunitarji bit-23 lingwa tal-UE, minn kważi kull pajjiż u reġjun fid-dinja, mill-1996.

### **DWAR L-UASI**

L-UASI huwa l-ikbar aġenzija deċentralizzata tal-UE. Jiffinanzja lilu nnifsu għal kollox u ma jirċevix fondi mill-Baġit tal-UE. Filwaqt li jimmaniġġja l-marka kummerċjali Komunitarja u d-Disinn Komunitarju Rreġistrat, jaħdem f'kollaborazzjoni mal-uffiċċji tal-IP imsieħba tiegħu f'livell nazzjonali u reġjonali fl-UE sabiex jibni sistema tal-IP iktar b'saħħitha madwar l-UE għall-benefiċċju tal-utenti.

Kuntatti għall-istampa:

Laura Casado  
[Laura.CASADO@oami.europa.eu](mailto:Laura.CASADO@oami.europa.eu)

Ruth McDonald  
[Ruth.MCDONALD@oami.europa.eu](mailto:Ruth.MCDONALD@oami.europa.eu)

Twitter: @OAMITWEETS